Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10984 — MESSER / TOYOTA TSUSHO EUROPE / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 207/03)

1. Fis-6 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Messer SE & CO KGaA ("Messer", il-Ġermanja), ikkontrollata indirettament minn Messer Industrie GmbH (il-Ġermanja),

— Toyota Tsusho Europe S.A. ("TTE", il-Belġju), finalment ikkontrollata minn Toyota Tsusho Corporation (TTC, il-Ġappun),

— Kumpanija ġdida ("Target JV", il-Ġermanja).

Messer u TTE jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tat-Target JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Messer huwa produttur ta' gassijiet industrijali, gassijiet speċjalizzati, gassijiet mediċi u taħlitiet ta' gassijiet;

— Toyota Tsusho Europe hija sussidjarja proprjetà sħiħa ta' Toyota Tsusho Corporation, kumpanija kummerċjali li topera globalment fis-setturi tal-metalli, tal-partijiet u tal-loġistika, tal-karozzi, tal-makkinarju, tal-enerġija u tal-proġetti, tal-kimiċi u tal-elettronika, u tal-ikel u tas-servizzi tal-konsumatur.

3. L-attivitajiet kummerċjali tat-Target JV li għadha kif twaqqfet se jkunu dawn li ġejjin: It-Target JV se toffri servizz ta' punt uniku ta' servizz lill-operaturi tal-flotta, li se jinkludi l-forniment ta' vetturi tal-mobilità tal-idroġenu (pereż. xarabanks biċ-ċelloli tal-fuel), servizzi ta' manutenzjoni u ġestjoni tal-flotta kif ukoll produzzjoni u provvista fil-post tal-idroġenu ekoloġiku. Il-JV l-ġdida se tiffoka prinċipalment fuq proġetti fl-Ewropa.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10984 — MESSER / TOYOTA TSUSHO EUROPE / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË